Fit-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
24 MAY 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Joseph Gatt

vs.

L-Awtorita' tal-Ippjanar

Rikors ta' Appell ta' Joseph Gatt (K.I 91470M)

Jesponi reverentement:

**Preliminari**

1. Premess illi l-prezenti huwa appell minn decizjoni moghtija lill-esponenti permezz ta' ittra li hija datata 2 ta' Mejju 2023, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A.**

2. F'din l-ittra, l-esponenti gie mgharraf li l-applikazzjoni li huwa ghamel fl-iskema 'Irrestawra Darek 2017' ghall-sussidju ghal xogholijiet kollha li huwa ghamel biex irrestawra d-dar residenzjali tieghu, gew kompletament michuda.

3. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell.

**Dwar il-fatti**

4. Illi fid-decizjoni li minnha qieghed isir dan l-appell, ir-raguni principali li l-esponenti inghata ghac-cahda tat-talba tal-grant li huwa ghamel fl-iskema 'Irrestawra Darek 2017' hija minhabba proceduri ta' appell ohrajn li l-esponenti fetah precedendement quddiem dan l-istess Tribunal, liema appell gie deciz kontra l-esponenti.

5. L-appell precedenti li qieghed issir referenza ghalih igib in-numru *156/21* li jitratta *commencement notice* li l-esponenti ghamel tramite l-Perit tieghu, li tikkoncerna biss ix-xogholijiet fuq bieb fl-open balcony fejn l-esponenti applika biex iwahhal bieb tal-persjana. Gara li fil-kuntest ta' dan il-commencement notice, permezz ta' ittra datata 21 ta' April 2021, l-esponenti gie mgharraf li biex jigu awtorizzati x-xogholijiet fuq din l-open balcony, huwa kelli jqabbad bennej biex jimla formula indikata fl-istess ittra. Illi l-esponenti fl-appell tieghu ikkontesta dan ir-rekwizit biex ikun jista' jaghmel din il-bidla f'bieb ta' persjana fil-gallarija tieghu u dan ghaliex, ix-xogholijiet li kien ser jaghmel ma kien hemm bzonn ta' l-ebda bennej. Kien ghalhekk li f'dawk il-proceduri talab lil dan it-Tribunal biex jhassar u jirrevoka l-bzonn li bennej jiccertifika x-xogholijiet li kienu ser isiru.

6. Illi d-decizjoni ta' dan it-Tribunal fit-30 ta' Marzu 2023 hija principalment imsejsa fuq in-nuqqas ta' gurisdizzjoni li dan it-Tribunal ghandu biex jittratta decizjonjiet li jigu moghtija b'ittra generika u ghalhekk l-appell li l-esponenti ghamel biex it-Tribunal jirrevoka l-kontenut tal-ittra generika gie deciz bhala wiehed null.

7. Illi kif ser jinghad iktar l-isfel fl-ewwel aggravju tal-esponenti f'dan l-appell, sussegwentent ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal, fit-18 ta' April 2023 l-esponenti

intavola appell quddiem l-Qorti tal-Appell (kompetenza inferjuri) fl-ismijiet premessi u li ghandu n-numru ta' referenza 22/2023 fejn l-esponenti fisser ghalfejn dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni biex jittratta decizjonijiet moghtija mill-ittri generici.

8. Illi ghalhekk ir-raguni moghtija lill-esponenti fid-decizjoni tat-Tribunal li minnha l-esponenti qieghed jinterponi l-appell odjern fl-ittra tat-2 ta' Mejju 2023 u cioe b'referenza ghad-decizjoni fl-appell precedenti, ma tikkostitwix *res judicata* peress li l-appell quddiem il-qorti superjuri ghadha pendenti.

9. Illi l-esponenti qieghed jikkontesta r-raguni moghtija lilu, fejn id-decizjoni ta' dan it-tribunal hija l-unika bazi ghac-cahda tal-*applikazzjoni fl-intier taghha u x-xogholijet kollha* li huwa applika ghalihom fl-iskema in kwistjoni.

10. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi dan l-umli appell.

11. Illi l-aggravju tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti.

**L-Ewwel Aggravju: Id-Decizjoni ta' dan it-Tribuanl li ghaliha ssir referenza fl-ittra tat-2 ta' Mejju 2023 mhix *res judicata***

12. Illi kif accenna l-appellant iktar 'il fuq f'dan l-appell, l-esponenti intavola appell tad-decizjoni ta' dan it-Tribunal fir-rigward tal-appell bin-numru 156/21 quddiem Qorti superjuri permezz ta' appell intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) intavolat fit-18 ta' April 2023.

13. Illi fl-imsemmi appell, l-appellant talab lill-imsemmija Qorti biex thassar u tirrevoka s-sentenza ta' dan it-Tribunal li ddecieda li abbazi ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni, l-appell fuq il-*commencement notice* kien null.

14. Illi l-appell quddiem il-Qorti superjuri ghadu pendenti u peress li din id-decizjoni, li ghaliha saret referenza fl-ittra tat-2 ta' Mejju 2023, mhix finali ai termini tal-ligi, ma tistax tittiehed bhala l-bazi biex l-applikkazjoni 'Irrestawra Darek 2017' li ghamel l-esponenti tigi michuda in toto.

15. Illi b'dan l-aggravju l-appellant isostni li gialadarba l-appell quddiem il-qorti superjuri ghadu pendenti, l-ezitu ta' dik id-decizjoni ghadu mhux wiehed finali u ghalhekk ma jistax isejjes ic-cahda tal-applikazzjoni tal-esponenti.

**It-Tieni Aggravju: Il-*Commencement Notice* jitratta xoghol wiehed minn serje ta' xogholijiet li l-esponenti applika ghalihom fl-iskema 'Irrestawra Darek 2017'**

16. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju hawn fuq trattat, id-decizjoni li giet ikkomunikata lill-esponenti b'permezz ta' ittra datata 2 ta' Mejju 2023 tirreferi biss ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal li tratta appell mill-*commencement notice* u li jirreferi biss ghal xogholijiet fuq *open balcony* biex isir bieb ta' persjana.

17. Illi abbazi ta' din id-decizjoni, l-applikazzjoni *in toto* u l-grant li l-esponenti seta' ircieva fuq xogholijiet ohrajn li huwa applika ghalihom ukoll gew irrifjutati.

18. Illi fl-applikazzjoni tieghu, l-esponenti applika ghas-segwenti xogholijiet:

***Installation of double glazing on façade apertures;***
***Maintenance of timber apertures and balcony;***
***Installation of Anti humidity panelling;***
***Equipment (such as cherry picker and scaffolding);***

19. Illi l-esponenti jsostni li l-ghoti tal-grant bhala sussidju ghal xogholijiet li mhumiex soggetti ghall-*commencement notice*, m'ghandhomx jiddependu mill-ezitu tad-decizjoni ta' dan it-Tribunal fl-appell precedenti deciz minnu.

20. Illi l-pozizzjoni tal-esponenti giet ikkonfermata permezz ta' email mibghuta minn ufficjal li jirraprezenta lill-Awtorita' appellata (kopja tal-email qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument B**), fejn l-esponenti gie mgharraf li refund ghax-xogholijiet li mhumiex milquta mill-*commencement notice* jistghu jinghataw.

21. Illi ghalhekk dawn ix-xogholijiet ghandhom jigu decizi minnufih u fl-ipotezi li, ghas-sahha tal-argument, jigu michuda, dik ic-cahda m'ghandhiex tkun bazata fuq appell li ma jikkoncernax dawn ix-xogholijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, tenut kont ta' l-aggravji trattati f'dan l-appell, l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal sabiex filwaqt li ihassar u jirrevoka d-decizjoni kkomunikata lill-esponenti permezz ta' ittra datata 2 ta' Mejju 2023, jimmodifikaha billi l-grant 'Irrestawra Darek' tinghata f'dak li jirrigwardja x-xogholijiet imsemmijin fit-tmintax-il paragrafu ta' dan l-appell u tiddeciedi li l-ittra tat-2 ta' Mejju 2023 hija nulla u bla effett stante li hemm pendenti l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet premessi li jgib in-numru 22/2023.

Av Malcolm Mifsud
123, Melita Street,
Valletta
mmifsud@mifsudadvocates.com.mt

Av Rossana Farrugia
123, Melita Street,
Valletta
rfarrugia@mifsudadvocates.com.mt